MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 2200/2004

**Carmelo sive Charles u Dorianne konjugi Sammut**

**vs**

**Joseph u Mary konjugi Formosa**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit 22 ta Novembru 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' mija u sitta u tmenin lira ghoxrin centezmu (Lm186.20) rapprezentanti valur ta hsarat kagonati mill-konvenut Joseph Formosa f'incident stradali li sehh nhar is-26 ta Awissu 2003 meta huwa kien qed isuq il-vettura numru BBN 431 u habat mal-vettura CBJ 789 misjuqa mill-attrici Dorianne Sammut gewwa Notabile road, Mriehel ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 3 ta Settembru 2004 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fit-23 ta Dicembru 2004 bis-sahha ta liema kkontestaw formalment ir-responsabbilita tal-incident in kwistjoni stante li sehh minnhabba tortijiet imputabbli ghall-istess attrici Dorianne Sammut u ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati, l-valur ta liema se mai kellhom jigu pprovati.
Bl-ispejjes kontra l-atturi.
Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-kaz in ezami si tratta ta kollizjoni li sehhet gewwa Notabile road, Mriehel fil-vicinanzi tal-MFSA ghal liema triq principali tista tidhol ghaliha minn taht il-mini. Kienet imtliet il-formola bumper – to – bumper bejn is-sewieqa rispettivi esebit a fol 4 tal-process. Filwaqt li l-attrici xehdet bil-procedura tal-affidavit, il-konvenut sewwieq xehed viva voce quddiem dan it-Tribunal.

L-attrici tghid li hija hasset daqqa fuq wara tal-vettura taghha meta kienet wieqfa minnhabba t-traffiku gewwa Notabile road, Mriehel u mad-daqqa il-konvenut baqa miexi l-quddiem ghal certu distanza. Il-konvenut habat fuq in-naha ta wara tal-vettura taghha. Hija esebiet ukoll diversi dokumenti bhala prova tal-ispejjes minnha nkorsi. L-attur jispjega li l-hsara fuq il-vettura taghhom kienet fil-fatt fuq in-naha ta wara pero`, aktar lejn in-naha tal-lemin filwaqt li dik tal-konvenut kienet fuq quddiem fil-gemb fuq in-naha tax-xellug. Iz-zewg atturi jistqarru li a tempo vergine il-konvenut ammetta t-tort tal-incident.

Il-konvenut ighid li huwa kien miexi f'Notabile road fuq in-naha ta gewwa tat-trieq gej mid-direzzjoni ta Farsons u sejjer fid-direzzjoni biex jaqbad il-Bypass. Quddiemu ma kien hemm hadd. F'hin minnhom jinnota vettura hierga minn taht l-arkati li jinsabu fuq in-naha l-ohra tat-trieq fuq

il-lemin tieghu. Din il-vettura mhux biss qasmet it-trieq kolha l-ohra li tiehdok fid-direzzjoni opposta mnejn kien gej il-konvenut izda sahansitra qasmet it-trieq mnejn kien gej il-konvenut, cioe qasmet minn quddiem biex tidhol ghat-trieq tal-gemb ossia service road li hemm fuq in-naha tax-xellug tal-istess konvenut. Tul din il-manuvra kollha kif qasmitlu t-trieq l-attrici, din f'ebda mument ma waqfet, bil-konsegwenza li l-konvenut dahal go fiha fuq in-naha ta wara taghha. Huwa jichad li b'xi mod kien ammetta xi tort.

Illi in vista ta tali provi kontrastanti it-Tribunal josserva li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min qed iressaq l-odjerna allegazzjoni cioe l-atturi, liema prova trid twassal sal-grad li l-Gudikatur irid ikun soddisfatt fuq bazi ta probabbilita. Illi jigi notat li l-atturi naqqsu minn din il-prova u t-Tribunal ma hu xejn konvint mill-verzjoni li tat l-attrici fl-affidavit taghha. Ma jistax jifhem per ezempju kif l-attrici qed tallega li l-konvenut baqa ghaddej ghal distanza twila u fuq il-formola il-vetturi gew mhazza imissu ma xulxin minn persuna li ex admissis jikkonferma li ma kienx prezenti ghall-incident.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-atturi ma rnexxilhomx igibu provi soddisfacenti biex legalment jinkolpaw lill-konvenut bl-incident stradali in kwistjoni, kwindi jichad it-talbiet attrici u jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------